C/2024/1283

31.1.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Jannar 2024

li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(C/2024/1283)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2020 [2], il-Kunsill ħatar lis-Sur Aurel SCHUBERT bħala President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2021.

(2) Il-mandat tas-Sur Aurel SCHUBERT ser jiskadi fil-31 ta' Jannar 2024. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatar President ġdid sabiex jassumi l-funzjoni meta jiskadi dak il-mandat.

(3) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE, jiddikjara li l-President ma għandux ikun membru attwali ta' Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jew tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Alfred CAMILLERI huwa b'dan maħtur President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB

[1] ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2020 li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 445, 22.12.2020, p. 1).